MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 58/2007

Gaetano Caramazza
vs
Onor. Prim Ministru
Avukat Generali
Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tar-rikorrent Gaetano Caramazza li bih ippremetta:

Illi l-imputat jinsab akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'akkuzi inter alia ta' ***money laundering*** u frodi;

Illi b'digriet tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Frar 2000, ir-rikorrent inghata l-liberta` provizorja taht diversi kundizzjonijiet, liema digriet gie revokat ***contrario***

***imperio*** b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja tat-18 ta' Mejju 2007 wara li l-Qorti dehrilha li r-rikorrent seta' jikser xi kundizzjonijiet imposti fuqu ghal helsien mill-arrest ai termini ta' l-artikolu 578 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi waqt is-smiegh ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent talab illi jtella' xhud ***in difesa***, liema xhud hu ko-akkuzat flimkien mar-rikorrent fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spett. A. Muscat) vs Fabio Zulian et"**;

Illi b'danakollu pero` x-xhieda rikjesta kienet tkun limitata biss ghal mertu tar-rikors promotur fit-terminu ta' l-artikolu 578 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement kien mhux ammissibbli;

Illi ciononostante t-talba tieghu giet michuda u b'hekk ir-rikorrent gie svestit milli jiddifendi ruhu bl-ahjar mod;

Illi dana kollu jilledi d-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent kif sancit fl-artikolu 39 [5] [d] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 [3] [d] tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, liema Konvenzjoni tifforma parti mill-Ligijiet ta' Malta a bazi ta' l-Att XIV 1987;

Illi kif ser jigi ampjament spjegat fis-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors fost affarijiet ohra nsibu li dan l-artikolu hu intiz:
**"to ensure that the accused is placed on a footing of complete equality as regards the calling and examination of witnessess with the prosecution**".

Illi in oltre ghandu jigi rilevat is-segwenti:

Illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja jinsabu sospizi u dan essendo li ntalbet il-procedura tar-rogatorji;

Illi fl-ahhar nota tieghu l-Avukat Generali irrileva li x-xhieda fl-Italja ghadhom ma bdewx jinstemghu;

Illi ghandu jinghad illi minhabba fil-premess il-Qrati ma ghandhom l-ebda mod biex jikkontrollaw l-ispeditezza tal-proceduri odjerni, anzi ghandu jigi rilevat mill-ewwel li r-rikorrent diga esperjenza delungar inutli;

Illi fic-cirkostanzi li jinsab fihom dan l-istat ta' fatt kif ser jintwera qed ikun konducenti sabiex jitkomplew jigu lezi d-drittijiet fundamentali ghal smiegh xieraq u dan minhabba zewg aspetti;

- **<u>Equality of Arms</u>**

Illi l-kodici penali taghna gie emendat fl-2006 fejn gie introdott l-artikolu 575 A [2];

Hawn inghata d-dritt lil Avukat Generali, quddiem sede ohra sabiex jirriferixxi l-kwistjoni tal-liberta` provizorja jekk ma jkunx jaqbel mad-digriet ta' dina l-Qorti;

Illi normalment f'cirkostanzi ohra similment ghandu dritt l-imputat u dan meta l-atti jkunu rinvijati ghand l-Avukat Generali;

Illi pero` f'dan il-kaz essendo li t-termini jinsabu sospizi, m'hemmx rinviji u ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jitlob revizjoni tad-decizjoni tal-Qorti fuq il-materja quddiem Qorti ohra;

Illi kuntrarjament kieku t-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest giet akkordata anke f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali kien ikollu l-jedd illi jirreferi l-kwistjoni quddiem Qorti ohra, haga li kif intqal qabel ma jistax jaghmel l-istess imputat;

Illi l-jedd ghal smiegh xieraq jipprezumi wkoll id-dritt ta' l-hekk imsejjah ***equality of arms***, liema dritt fil-proceduri odjerni ma jissussistix;

Illi ghalhekk l-artikolu 575 A [2] ghal ragunijiet moghtija jilledu d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit ukoll fl-imsemmi artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

- **<u>Zmien ragjonevoli</u>**

Illi r-rikorrent ghandu d-dritt illi jkollu process kriminali fi zmien ragjonevoli;

Illi fis-sistema guridika taghna m’hemmx terminu ta’ kemm jista’ jdum il-process kuntrarjament ghal dak li jigri f’pajjizi ohra, il-preskrizzjoni fuq ir-reati tigi sospiza una volta li jigu inizzjati l-proceduri kriminali;

Illi f’dan il-process b’mod partikolari, dan id-dritt mhux aktar garantit minhabba li l-proceduri huma ormai sospizi u jiddependu fuq gurisdizzjoni ta’ Qorti ta’ pajjiz barrani;

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi zgur li r-rikorrent ghandu l-jedd illi jinghata l-liberta` provizjora;

Illi kif ser jigi trattat fis-smiegh ta’ dan ir-rikors meta imputat ikun qed jinzamm taht arrest ***“the authorities do not have a choice between bringing the accused to trial within a reasonable time and releasing him on bail. Release, if necessary on bail, will then be obligatory”***.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:
1. Tiddikjara li r-rifjut tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex ir-rikorrent jipprezenta xhud in difesa jikkostitwixxi ksur ta’ l-Artikolu 39 [5] [d] tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 6 [3][d] tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;

2. Tannulla l-artikolu 575A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jew fin-nuqqas tiddikjara li l-mod ta’ kif inhu l-artikolu 575A tal-Kodici Kriminali huwa ***ultra vires*** u quindi tippreviggi terminu qasir u perentorju lill-Parlament Malti sabiex jemenda l-artikolu citat fis-sens li r-rikorrent ikollu l-jedd jirrevedi decizjoni dwar il-liberta` provizorja kif ghandu l-Avukat Generali u fin-nuqqas tiddikjara l-istess dispozizzjoni inkompatibbli ma’ l-artikolu 39 [1] tal-

Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u quindi nulla;

3. Tiddikjara li minhabba c-cirkostanzi tal-kaz ir-rikorrent qed jigi michud mid-dritt li jkollu process fi zmien ragjonevoli minhabba li t-termini jinsabu sospizi u quindi fic-cirkostanzi ghandu jinghata l-helsien mill-arrest;

4. Taghti dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa sabiex jigu sanciti u kawtelati d-drittijiet tar-rikorrent;

Bl-ispejjez kontra l-intimati in subizzjoni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha eccepew:

1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri stante li l-kaz odjern jittratta dwar proceduri gudizzjarji u stante li l-intimati l-ohra jistghu jwiegbu adegwatament ghal-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk l-intimat Prim Ministru ghandu jkun mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-mertu m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u b'mod partikolari tal-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni u dan ghar-ragunijiet segwenti.

3. Illi fir-rigward l-allegazzjoni tar-rikorrent fejn issottometta li l-Qorti cahditlu t-talba li jressaq ko-imputat biex jixhed dwar it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest, u hekk inkisirlu d-dritt ta' smiegh xieraq, u dwar l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ta' ***equality of arms*** l-intimat jissottometti li:

a. hija l-istess Ligi li tipprovdi li x-xhieda ta' ko-imputat mhix ammissibbli u ghalhekk il-Qorti ma kellhiex mod iehor ghajr li tichad it-talba tar-rikorrent stante li r-rikorrent kien qed jitlob xi haga li hi kontra l-Ligi. Pero` r-rikorrent hawnhekk mhux qed jattakka l-artikolu relevanti imma qed jattakka biss id-digriet tal-Qorti.

b. Barra minn hekk, kuntrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent, il-fatt fin innifsu tac-cahda tat-talba biex jitressaq xhud tar-rikorrent ma jfissirx b'mod awtomatiku ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-istess rikorrent. Anzi l-intimati jissottomettu li l-Ligi tal-procedura fiha nnifisha tissalvagwardja d-dritt tas-smiegh xieraq.

c. Illi l-artikolu 39 (6)(d) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni ma jipprovdux li r-rikorrent ghandu dritt iressaq kull xhud immaginabbli, izda jipprovdu li r-rikorrent ikun ittrattat l-istess bhal prosekuzzjoni. Minn ezami tal-verbali jirrizulta li bejn is-seduti tal-11 ta' Mejju 2007 u t-18 ta' Mejju 2007 kemm il-prosekuzzjoni kid ukoll id-difiza nghataw il-facilita` li jressqu l-provi kollha taghhom fuq it-talba ghall-ghoti tal-liberta` provizorja. Ghalhekk jidher car li kemm ir-rikorrent kif ukoll il-prosekuzzjoni kienu trattati bl-istess mod u l-procedura irrispettat il-principju tal-***equality of arms*** kristalizzat f'dawn is-subartikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.

Ghaldaqstant m'hemm ebda ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrent fuq dan il-punt.

4. Illi rigward l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli, l-intimati jissottomettu li l-gurisprudenza tghallimna li m'hemmx xi perjodu partikolari li fih iridu jibdew u jispiccaw proceduri u kull procedura trid titqies ghaliha. Ukoll kull procedura trid tkun ezaminata fl-intier taghha, haga li f'dan il-kaz ma tistax issir peress li l-procedura ghadha mhix konkluza. Ghalhekk m'hemm l-ebda dewmien f'dan il-kaz. Ta' min ighid li r-rikorrent tressaq ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2006 u sal-lum, il-provi tal-prosekuzzjoni huma kwazi mitmuma. Ghalhekk ma jissussistix nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

5. Illi rigward it-talbiet tar-rikorrent, l-intimati jissottomettu li t-tieni talba tieghu ma tistax issir peress li l-Qorti ma tistax tintalab tordna lill-Parlament jaghmel xi haga u lanqas tista' ssib li l-Parlament mexa ***ultra vires***.

Apparti minn hekk, l-artikolu 575A ma jcahhadx lir-rikorrenti milli jappellaw kontra d-digriet.

6. Illi rigward it-tielet talba, l-intimati jissottomettu li ordni ghall-helsien mill-arrest mhux necessarjament issegwi awtomatikament kieku l-Qorti kellha ssib nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli. Barra minn hekk, is-sospensjoni tat-termini tirrizulta mill-Ligi u r-rikorrenti mhux qed jattakka l-ebda Ligi fuq dan il-punt.

7. Illi l-intimati jissottomettu li jidher car li r-rikorrent qed jittenta jdur mal-procedura kriminali li ma thallihx jitlob lill-Qorti differenti mill-Qorti Istruttorja biex tirrevedi digriet moghti mill-Qorti Istruttorja, u qed jipprova 'jappella' xorta wahda mid-digriet tal-Qorti Istruttorja permezz ta' procedura specjali bhalma hi procedura Kostituzzjonali. Dan fih innifsu hu abuziv u vessatorju u l-Qorti ghandha tiddikjarah bhala tali.

Salv eccezzjonijiet ohra u sottomissjonijiet iktar dettaljati iktra tard, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant l-intimati jitolbu li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tad-19 ta' Novembru, 2007 li fih inghad li:
"Il-konsulenti legali taz-zewg nahat jiddikjaraw li r-rikorrent kien gie arrestat fit-8 ta' Dicembru 2006, u tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Dicembru 2006 b'kumpilazzjoni. Fid-29 ta' Dicembru 2006 inghata l-liberta` provizorja pero` taht arrest domiciljari u taht Lm5000 depozitu u Lm15000 garanzija personali. Fl-10 ta' Jannar 2007 il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Prim Imhallef Dr. V. DeGaetano gholliet id-depozitu ghal Lm15000 filwaqt li halliet invarjat il-garanzija personali u

inkluz l-arrest domiciljari; fit-8 ta' Mejju 2007 tnehhiet il-kundizzjoni taht il-helsien mill-arrest domiciljari mill-Qorti tal-Magistrati u dan bil-kundizzjoni li jiffirma l-ghassa. Gie arrestat fil-11 ta' Mejju 2007 ghax il-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. Antonio Vella kkonkludiet li r-rikorrent odjern imputat seta' jikser il-kundizzjonijiet, u li baqa' dejjem arrestat minn dak iz-zmien 'il hawn u dan wara li fit-18 ta' Mejju 2007 kien inghata digriet finali dwar ir-revoka. Saru diversi rikorsi biex tigi akkordata l-liberta` provvizorja lir-rikorrent izda dawn gew kollha michuda.

Il-partijiet jaqblu li l-proceduri huma sospizi minhabba l-ittri rogatorji….”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi r-rikorrenti qed jghaddi proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja b’akkuzi ***inter alia*** ta’ frodi u hasil ta’ flus. Hu kien gie arrestat mal-wasla tieghu f’Malta nhar it-8 ta’ Dicembru 2006 u tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta’ Dicembru 2006. Fid-29 ta’ Dicembru 2006 inghata l-liberta` provizorja taht arresti domiciljari u taht depozitu ta’ Lm5000 u garanzija personali ta’ Lm15000. Illi fl-10 ta’ Jannar 2007, il-Qorti Kriminali awmentat l-ammont ta’ depozitu ghal Lm15000 u halliet invarjat il-garanzija personali u l-arrest domiciljarji. Fit-8 ta’ Mejju 2007 tnehhiet il-kundizzjoni ta’ l-arrest domiciljarji b’dana li r-rikorrent jiffirma l-ghassa. Wara gie ri-arrestat fil-11 ta’ Marzu 2007 stante allegat biza’ li r-rikorrent seta’ jikser xi wahda mill-kundizzjonijiet fuqu imposti ghal u minn dakinhar sa llum baqa’ dejjem hekk arrestat. Illi b’digriet datat 18 ta’ Marzu 2007 mill-Magistrat Dr. Antonio Vella l-Qorti irrevokat definittavament id-digriet tal-liberta` provizorja. In segwitu r-rikorrent intavola rikorsi ghall-helsien mill-arrest illi kollha gew michuda invarjabilment, u wara rrikorra quddiem il-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

***<u>D1. Prim Ministru mhux il-legittimu kuntradittur</u>***

L-eccezzjoni preliminari hija li l-Prim Ministru mhux legittimu kuntradittur f’dawn il-proceduri stante li l-kaz odjern jittratta dwar proceduri gudizzjarji u stante li l-

intimati l-ohra jistghu iwiegbu adegwatament ghal-lanjanzi tar-rikorrent u li ghalhekk l-intimat Prim Ministru ghandu jkun mehlus mill-osservanza tal-gudizzju.

Issa irriżulta li l-Prim Ministru m'għandu l-ebda parti fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent. Infatti ma hemm l-ebda rabta bejnu u bejn it-talbiet kontenuti fir-rikors promutur u għalhekk mhux il-persuna idonea biex twieġeb għal-lanjanzi tar-rikorrent. Inoltre hemm intimati oħra li jistgħu iwieġbu għal dawn il-lanjanzi. Il-Kummissarju tal-Pulizija huwa parti fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent u li dwarhom qed issir din il-kawża, u għalhekk għandu interess dirett f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

Qieghed jigi attakkat provediment ta' liġi, u ghalhekk l-Avukat Ġenerali għandu interess f'din il-kawża fost oħrajn. Dan iwassal li l- Prim Ministru mhux il-leġittimu kuntradittur u għalhekk il-Qorti tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

***D2. Artikolu 39 [5] [d] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Art 6 [3] [d]  Kap 319***

Ir-rikorrent kien talab li jtella xhud in difisa, u dan fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2007, liema xhud hu ko-akkuzat flimkien mieghu fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fabio Zulian et.** Izda din it-talba giet michuda mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja li ddikjarat dan ix-xhud inammissibbli. Minhabba f'hekk ir-rikorrent jikkontendi li hu gie svestit milli jiddefendi ruhu bl-ahjar mod fi procedura li wasslet ghal digriet finali li nehha il-beneficcju tal-helsien mill-arrest, liema digriet hu definittiv u ma hemmx il-possibilita` ta' appell minnu. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li gew lesi d-drittijiet fundamentali tieghu. Ghalhekk hu sostna li fil-proceduri odjerni:
"Illi dan il-principju ta' ekwita` bejn il-prosekuzzjoni u difiza ghandu jigi rifless fid-decizjoni ta' l-awtorita` legali kompetenti meta tiddeciedi liema xhud propost mid-difiza hu ammissibbli o meno.

Illi galadarba x-xhieda rikjesta kienet altru milli relevanti ghall-mertu tar-rikors intavolat mill-Kummissarju tal-

Pulizija, id-decizjoni li x-xhud in difesa ma kienx ammissibbli vvjolat l-artikolu 39 [5] [d] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 [3] [d] tal-Konvenjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem."

Il-Qorti tirrileva li bhala stat ta' fatt r-rikorrent f'din il-proċedura kostituzzjonali mhux qed jattakka l-liġi li tiddikjara dan ix-xhud inammissibbli, izda qiegħed jilmenta biss mid-digriet tal-Qorti Istruttorja li applikat dan l-artiklu. Issa l-Qorti ma kellhiex triq oħra għajr li tiċħad it-talba tar-rikorrent.

Jinghad l-artikolu 39 [5] [d] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 [3] [d] tal-Konvenjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (li huma simili ħafna għal xulxin) jaghtu d-dritt lill-imputat li jressaq ix-xhieda tiegħu u li jkollu dritt jeżaminahom bl-istess mod li l-prosekuzzjoni jkollha dritt iġġib xhieda u teżaminahom, kif ukoll li jagħmel kontroeżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, izda mkien ma jagħtu dritt li persuna tressaq ko-imputat bħala xhud.

Dan irrizulta fil-kaz in ezami meta xehed ir-rikorrent innifsu u t-tifla tiegħu, flimkien ma' Dr. Joe Brincat, Lawrence Borg u Marco Borg. Jirriżulta ċar wkoll li r-rikorrent permezz tal-konsulet legali tiegħu, kellu opportunita' sħiħa wkoll li jagħmel kontroeżami tax-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni. Għalhekk ir-rekwiżiti tal-artiklu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni u 39(5)(d) tal-Kostituzzjoni kienu sodisfatti kollha.

Skond il-Qorti tal-Ewropea d-deċiżjoni ta' Qorti dwar tismax xhud jew le hija f'idejn il-qorti tal-pajjiż li jkun, u dan minħabba l-varjeta' kbira fil-liġijiet tal-proċedura tal-pajjiżi differenti.

Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea **Engel vs Netherlands** moghtija fl-1976 intqal l-artiklu 6(3)(d) jitlob li l-persuna tressaq xhieda ***'on his behalf'*** u mhux ***'at his request'***. Dana sar fil-kaz in ezami .

Fil-kaz in ezami il-Qorti Istruttorja iddikjarat ix-xhieda ta' Fabio Zulian inammissibbli, u ddikjaratha inammissibbli anke għall-finijiet ta' kontroll ta' kredibilita' ta' xhieda oħra skond il-verbal tal-11 ta' Mejju, 2007. Il-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Bricmont vs Belgium** fl-1989 qalet li l-artiklu 6(3)(d) jitlob li meta qorti tiċħad it-talba biex jitressaq xhud tad-difiża, din għandha tagħti raġuni għaliex qed tiċħad it-talba u ghalhekk dan ukoll sar mill-Qorti.

L-intimat ikkontenda li:
"Illi dawn iż-żewġ artikli japplikaw meta l-persuna hija 'akkużata b'reat kriminali' u meta tkun se tkun 'deċiża akkuża kriminali' fil-konfront tal-persuna. Il-kliem użat f'dawn iż-żewġ artikli huwa ċar u ma jħallix wisa' għal ekwivoċi ta' f'liema ċirkustanzi japplikaw dawn iż-żewġ artikli. Il-proċeduri kriminali kontra l-persuna jridu jkunu waslu fi stadju fejn il-persuna jkun 'akkużat' bir-reat u fejn tkun se tittieħed 'deċiżjoni' dwar dik l-akkuża.

Illi fil-każ ta' kumpilazzjoni, dan mhux il-każ. Il-ġudikant ikun qed jisma' l-provi biex fl-aħħar jasal jiddeċiedi jekk hemmx *prima facie* lok li l-persuna jitqiegħed taħt att t'akkuża. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ma tiddeċidix b'mod definittiv dwar l-akkuża kontra l-persuna għaliex lanqas biss il-persuna ma tkun għadha tpoġġiet taħt att t'akkuża.

Illi huwa rikjest minn dawn iż-żewġ artikli msemmija li biex japplikaw dwar każ partikolari, id-deċiżjoni dwar l-akkuża trid tkun waħda finali u li tagħlaq il-każ. Ċertament li kumpilazzjoni ma twassalx għal tali deċiżjoni finali dwar l-akkuża nnifisha."

Din il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunar.

***<u>D2. Equality of Arms</u>***

Ir-rikorrent semma li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Istruttorja jinsabu sospizi u dan essendo li qed jinstemghu x-xhieda permezz tal-procedura tar-rogatorji. It-termini gew sospizi sa minn Mejju 2007 u l-ewwel xhieda li instemghet kienet biss f'Jannar 2008 gewwa ***Tribunale Torre di Annunziata***

f'Napli. Ghalhekk ir-rikorrent sostna li l-pincipju ta' ***equality of arms*** ghandu jikkonfigura fid-dritt ghal smiegh xieraq. Illi bis-sahha ta' l-artikolu 575 A [2] l-Avukat Generali inghata d-dritt illi jitlob revizjoni ta' decizjoni fuq liberta` provizorja jekk kemm-il darba ma jkunx jaqbel ma' tali decizjoni. Peress li fil-kaz odjern it-termini jinsabu sospizi u l-atti ma jigux rinvjati ghand l-Avukat Generali, konsegwentement ir-rikorrent ma jistax jitlob revizjoni tad-decizjoni tal-Qorti fuq il-materja quddiem Qorti ohra.

Ir-rikorrent semma li dan ma hux il-kaz fir-rigward ta' l-Avukat Generali ghax illi kieku giet akkordata t-talba ghall-liberta provizorja l-Avukat Generali kien ikollu d-dritt illi jirreferi l-kwistjoni quddiem Qorti ohra, haga li ma jistax jaghmel l-imputat, anzi ghandu jigi sottolineat illi l-imputat fic-cirkostanzi bilfors irid jibqa' quddiem l-istess Qorti. Ir-rikorrent semma li d-drittijiet ta' l-Avukat Generali ghandhom ikunu ekwi ma' dawk tad-difiza u ghandhom jigu applikati l-principji ta' ***procedural equality*** sabiex l-akkuzat ma jigix pregudikat vis-à-vis il-prosekuzzjoni.

Il-konsulent legali tar-rikorrent irreferit ghal kaz ta' **Neumesiter** deciz mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Umani fejn inghad:
the principle of equality of the parties [egalite` des armes; Waffengleichheit-sometimes transalted as equality of arms] is an inherent element of a fair hearing under Article 6 [1], and this view has been approved by the Court. The principle is also closely related to the requirement of an 'independent and impartial tribunal'.

Semmiet ukoll li fil-kazijiet **Pataki u Dunshrin**, giet indirizzata l-kwistjoni ta' ***procedural equality*** bejn l-akkuzat u l-prosekuzzjoni stante li fil-kaz in kwistjoni l-Kodici ta' Procedura Kriminali Awstrijak kien qed jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom:
the applicants complained that under the Austrian code of Criminal Procedure, the procedure before the Criminal Court of Appeal viplated the right to a fairhearing in that the applicants had no right of representation, whereas the Public Prosecutor was present. The Commission in its report was of the opinion that the 'equity of arms' i.e. the

procedural equality of the accused with the prosecutor, was an inherent element of ‘fair hearing’ and that the proceedings concerned were not in conformity with the Convention.

Izda jingħad li l-artiklu 575A tal-Kap 9 ma jipprojbixxix li l-persuna imputata tappella minn digriet li jiċħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest. Għalhekk din l-allegazzjoni hi bla bażi. Dan l-artiklu fil-fatt jagħti d-dritt t’appell lill-Avukat Ġenerali. Il-bilanc bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża jezisti izda ma joħroġx minn dan l-artiklu.

Skond l-artiklu 575(2) tal-Kodiċi Kriminali l-imputat jista’ jitlob il-liberta’ proviżorja kemm il-darba jrid matul l-arrest tiegħu. M’hemmx terminu li jiskadi biex issir din it-talba u lanqas hemm limitu fuq id-drabi li din it-talba tista’ ssir u fil-fatt ir-rikorrent kemm qabel kif ukoll wara d-digriet li dwaru hemm ilment, talab il-ħelsien mill-arrest, kif jirriżulta mill-atti stess.

Lanqas huwa minnu li d-digriet tat-18 ta’ Mejju 2007 li ordna r-ri-arrest tiegħu, kien wieħed finali u infatti r-rikorrent diversi drabi talab l-ħelsien tiegħu wara dan id-digriet.  Għalhekk kien intempestiv li jibda dawn il-proċeduri straordinarji kostituzzjonali.

Dwar il-kuncett tal- ***equality of arms***, il-Qorti Ewropea fis-sentenza **Kaufman vs Belgium** fl-1986 iddefinietu hekk:
“Equality of arms means when a person has a reasonable opportunity of presenting his case under conditions which do not place him at substantial disadvantage vis-a-vis the opponent.”

Issa r-rikorrent kellu opportunita` raġonevoli li jressaq il-każ tiegħu daqs il-prosekuzzjoni?  Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrent kellu opportunita daqs il-prosekuzzjoni li jressaq il-każ tiegħu.  Interessanti wkoll hu li l-artiklu 6 ma jiggarantixxix id-dritt ta’ appell. Il-fatt li l-imputat ma jistax jappella minn digriet ta’ ri-arrest meta t-termini huma sospiżi ma jwassalx ghall-fatt li l-artiklu 6 kien miksur.

Għalhekk lanqas fuq dan il-punt ma jwassal ghal ksur tad-dritt ta’ smigħ xieraq tar-rikorrent kif protett bl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti zzid li dwar dritt ta’ smigh fi zmien ragjonevoli mhux applikabbli ghall-kaz odjern minhabba l-fatt li r-rikorrent ghadu mhux akkuzat fi proceduri li jwasslu b’mod definittiv ghas-sejbien ta’ htija ***o meno***. Anqas ma hu l-kaz fil-fehma tal-Qorti li l-proceduri qed jitwalu zzejjed. Ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-prosekuzzjoni qed tiehu zmien esagerat meta tiehu l-mertu tal-kaz specjalment meta tiehu l-komplessita` tal-kaz u l-htiega tar-rogatorji. Il-proceduri ilhom li bdew sittax-il xahar u ma jidhirx li l-prosekuzzjoni fadlilha wisq biex taghlaq il-provi taghha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk wara li l-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari dwar il-Prim Ministru u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, u ezaminat l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati u t-talbiet tar-rikorrent thoss li fir-rigward ta’ l-ewwel talba tieghu, ir-rifjut tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja biex ir-rikorrent jipprezenta bhala xhud lill-ko-akkuzat in difesa ma jikkostitwix il-ksur ta’ l-artikolu 39(6)(d) u/jew Kap 319 artikolu 6 (3)(d).

It-talba ghall-annullament ta’ l-artikolu 575 tal-Kap 9 ukoll ma tistax tigi milqugha ghax ma sabitx li tali artikolu huwa ***ultra vires*** u jikser il-Kostituzzjoni ta’ Malta jew il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Jinghad ukoll li l-Qorti ma tistax tordna lill-Parlament izda tista’ tiddikjara li ligi tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni u tattira l-attenzjoni ta’ l-i***Speaker*** tal-Kamra.

Anqas ma jista’ jinghad li r-rikorrenti gie michud mid-dritt li jkollu process fi zmien ragjonevoli u dan kif specifikat fuq.

Ghalhekk qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti u tilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati, izda fic-cirkostanzi tal-kaz u minhabba n-novelta` ta’ l-elementi in ezami tordna li l-ispejjez ikunu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------